



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni Nru 2211/2013 imressqa minn Alexander Downes, ta' ċittadinanza Irlandiża, f'isem il-Coastguard Station Residence Group, dwar id-disturb tal-irqad minħabba l-ħsejjes ambjentali**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjoni tikkonċerna prinċipalment l-istorbju matul il-lejl ikkawżat mix-xogħol tal-burdnara tad-Dublin Port Company fit-terminal tal-kontejners tan-nofsinhar. Fl-2002, il-Port ta' Dublin installa krejns portiċi ta' 30 metru, inqas minn 12-il metru mid-djar tal-petizzjonanti. Il-Kunsill tal-Belt ta' Dublin iqis li dawn huma illegali. Il-krejns jitħaddmu sa erbat iljieli kull ġimgħa, u l-livell ta' storbju li jipproduċu jeċċedi s-70 decibel, b'mod li jiddisturbaw l-irqad tal-grupp ta' residenti li jikkonsisti fi 11-il dar.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-17 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-31 ta' Jannar 2015

Id-Direttiva 2002/49/KE li tirrigwarda l-istudju u l-aministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem: id-Direttiva) tirrikjedi li titfassal mappa tal-ħsejjes u li jitħejjew pjanijiet ta' azzjoni għall-agglomerazzjonijiet u toroq maġġuri, ferroviji u ajruporti. Id-Direttiva tapplika wkoll għal storbju minn siti ta' attività industrijali bħal dawk elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2010/75/KE<sup>2</sup>. Dan l-Anness, madankollu, ma jelenkax speċifikament l-

<sup>1</sup> ĠU L 189, 18.7.2002

<sup>2</sup> ĠU L 334, 17.12.2010. Ir-referenza fid-Direttiva 2002/49/KE kienet għall-Anness I tad-Direttiva 92/61/KEE

istallazzjonijiet portwarji jew il-krejnijiet portiċi, u jħallu d-deċiżjoni dwar jekk dawn għandhomx jitqiesu attivitajiet industrijali – fis-sens tad-Direttiva 2002/49/KE – f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti ta' kull Stat Membru.

Minħabba li d-Direttiva ma tippreskrivix limiti tal-istorbju jew valuri fil-mira fiha nfisha, l-infurzar ta' kwalunkwe limitu tal-istorbju jew valur fil-mira stabbilit fil-livell nazzjonali jibqa' r-responsabilità unika tal-Istat Membru konċernat. Konsegwentement il-Kummissjoni ma tistax tintervjeni fil-każ li dan il-limitu jew valur fil-mira jinqabeż.

Fir-rigward tal-belt ta' Dublin, l-awtoritajiet Irlandiżi ssottomettew żew mapep strateġiċi tal-ħsejjes u pjanijiet ta' azzjoni li jakkumpanjawhom, u b'hekk ikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

It-Taqsis tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Istorbju għall-belt ta' Dublin għall-perjodu 2014-2018, ippreżentat lill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Settembru 2013, indikat li "l-ebda mappa ma saret għal attivitajiet ta' Impjant jew Port Industrijali għax valutazzjoni ta' implanti individwali li jinsabu fiż-żoni popolate aktar tal-agglomerazzjoni indikat li l-emissjonijiet ta' ħsejjes fil-periferija tas-siti kienu ibgħax mis-soll tar-rapportar meħtieġ fid-Direttiva."

### Konklużjoni

Abbażi tat-tagħrif disponibbli f'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma tistax tidentifika ksur tal-leġislazzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni għaldaqstant tqis li l-kompetenza li tirregola l-kwistjoni tibqa' f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Irlanda.

---

iżda issa jeħtieġ tinftiehem bħala referenza għall-Anness I tad-Direttiva 2010/75/KE. Din id-Direttiva tapplika għall-attivitajiet industrijali li qed jagħtu lok għat-tniġġis u li huma msemmija fil-Kapitoli II sa VI tad-Direttiva.